# <u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

## <u>DEĊIŻJONI NRU. 2178</u>

Każ Nru 2914/FM

Fit-Tilwima tax-Xogħol

bejn

General Workers' Union

u

Tug Malta Limited

dwar: allegat nuqqas tal-Kumpanija li tagħti l-għarfien trejdjunjonistiku lill-GWU għall-kategoriji tal-*Masters*, *Engineers* u tal-ħaddiema tal-*Work-shop* u tal-*Maintenance*

Data: 10 ta' Ottubru 2012

**<u>Chairman</u>: <u>Franco Masini</u>**

**<u>Membri: Mario Cutajar</u>**

**<u>Joseph Farrugia</u>**

**<u>1. Introduzzjoni</u>**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru Chris Said fid-29 ta' April 2011 wara li l-GWU kienet kitbitlu fejn infurmatu li kellha tilwima ma' Tug Malta Limited u talbitu biex jirriferiha lit-Tribunal Industrijali bis-segwenti *terms of reference*: "Illi l-Kumpanija Tug Malta għandha tagħti għarfien trejd unjonistiku, ewlieni u esklussiv, lill-GWU sabiex tirrapreżenta lill-ħaddiema fil-kategoriji tal-*Masters*, *Engineers* u tal-ħaddiema tal-*Workshop* u tal-*Maintenance* għal fini ta' negozjar kollettiv". Għall-GWU deher Charles Agius, Segretarju tat-taqsima tal-*Union*, assistit mill-Avukat Aaron Mifsud Bonnici.

Il-Kumpanija issaqsi jekk dan il-grupp ta' ħaddiema jikkostitwix *appropriate collective bargaining unit* u jekk huwiex fl-interess tal-ħaddiema in ġenerali li l-*workforce* jiġi spezzettat, jekk il-grupp huwiex parti minn grupp akbar li hu omoġenju fih innifsu, jekk hemmx interessi partikolari bħal ma huma tal-operat li jridu jiġu mħarsa. Għall-Kumpanija deher Mario Mizzi, *CEO*, assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Saret talba mill-*Malta Dockers' Union*, li għandha r-*recognition* tal-maġġor parti tal-ħaddiema, sabiex tintervjeni *in statu et terminis* f'dawn il-proċeduri. Iżda t-Tribunal Industrijali f'Digriet li ta fit-13 ta' Lulju 2011 ċaħad it-talba waqt li ddeċida li jagħti l-opportunità lill-istess *Union* biex tesprimi l-veduti tagħha, kif fil-fatt għamlet. Il-*Union* kienet rappreżentata minn Karmenu Vella, Konsulent, assistit mill-Avukat Robert Abela.

Inżammu għaxar seduti. A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 minħabba in-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal f'dan il-każ ried li jikkunsidra bilanċ delikat bejn id-dritt ta' kull ħaddiem li jkun membru u rappreżentat minn *Union* li jixtieq hu waqt li l-Prinċipal ma jkunx affaċċjat min-numru ta' *Unions* li separatament ifittxu li jkollhom *recognition* b'mod li jiffragmentaw il-prinċipju ta' *collective bargaining* u joħolqu problemi amministrattivi. Din mhix kwistjoni tad-dritt bażiku ta' kull ħaddiem li jkun membru ta' xi *union* partikulari jew fil-fatt jagħżel li ma jkun membru ta' l-ebda waħda. Hija kwistjoni ta' *recognition.* It-Tribunal jidhirlu li frammentazzjoni ta' rappresentanza sindakali mhix fl-interess la tal-ħaddiema u lanqas tal-kumpanija. It-Tribunal ikkunsidra bir-reqqa t-teżi tal-kumpanija f'dan ir-rigward partikolarment fejn in-numru ta' ħaddiema mhux kbir u fejn fuq il-post tax-xogħol jista jkun hemm taħlit ta' ħaddiema minn diversi *unions*. Għaldaqstant it-Tribunal ried li jkun hemm bażi loġika, razzjonali u konvinċenti għaliex grupp fi ħdan ażjenda jista' jitlob li jkun rappreżentat minn *union* u mhux minn oħra li ġa tgawdi r-*recognition*. It-Tribunal innota dak li ntqal fid-Deċiżjoni Numru 2138 tas-27 ta' Marzu 2012 minn Tribunal diversament presjedut. Dana in konnessjoni ma' *appropriate bargaining units.* It Tribunal odjern waqt li ħa nota ta' dak li ntqal fid-Deċiżjoni ċitata deherlu li għandu japprofondixxi iktar kif fil-fatt qed jagħmel.

It-Tribunal fela' id-doveri u l-mod ta' *progression* u ta' kif jinħatru l-karigi in kwestjoni fit-Tug Malta biex jara hemmx lok għal dak li jissejjaħ *appropriate bargaining unit* separat li huwa l-pern ta' din il-kwistjoni. F'dan ir-rigward it-Tribunal wasal għal konklużjoni li hemm tliet elementi li għandhom jgħinu biex jiġi stabbilit jekk ħaddiema fi grupp partikolari jistgħux

jitolbu li jiffurmaw *appropriate bargaining unit*. Dawn huma (1) il-**kwalifiċi** li jeħtieġ li jkollhom il-membri tal-grupp, kwalifiċi li jiddistingwuhom minn ħaddiema oħra tal-istess azjenda, (2) id-**dmirijiet** li jkunu mistennija li jaqdu u hawn ikun hemm distinzjoni ċara minn ħaddiema oħra; u (3) li meta kienu appuntati fil-post li qed jokkupaw ma kienx hemm *automatic progression* minn kariga oħra inferjuri u dana biex jiġi enfasizzat illi l-kariga li jokkupaw hija waħda **distinta**. Dana kollu sintendi soġġett għal kundizzjoni maġġoritarja fil-grupp.

Fil-fehma tat-Tribunal Industrijali jidher li fil-każ in eżami l-kriterji li elenka hawn fuq japplikaw għal karigi li għalihom qed titlob għarfien sindakali esklussiv il-GWU. U għaldaqstant ma hemmx raġuni għaliex din il-*Union* ma għandiex ikollha ir-*recognition* mitluba.

It-Tribunal Industrijali jagħmel appell lill-Leġislatur biex il-liġi tiġi emendata b'mod li jiġi ċċarat il-prinċipju ta' *recognition* hekk li jitneħħa kull ekwivoku u l-imsieħba soċjali ikollhom qafas regolatorju u legali fuq xhiex jimxu.

## 3. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li jilqa' it-talba tal-GWU li l-kumpanija Tug Malta għandha tagħtiha għarfien sindakali ewlieni u esklussiv sabiex tirrappreżenta lill-ħaddiema fil-kategoriji ta' *Masters, Engineers* kif ukoll tal-ħaddiema tal-*Workshop* u tal-*Maintenance* għal fini ta' negozjar kollettiv.

B'hekk tintemm din it-tilwima.

| | | |
|---|---|---|
| ft/Franco Masini | ft/Mario Cutajar | ft/Joseph Farrugia |
| Chairman | Membru | Membru |

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju